MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 236/2010

**Asia Arts Ltd**
**Vs**
**Victoria Bonello u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010, kunjom il-konvenuta nbidel ghal Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Gunju, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, seba' mija u hamsa u sebghin ewro (€6,775) bhala bilanc ta' somma akbar dovuta ghal xoghol ta' *landscaping* li sar mis-socjeta attrici fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Mejju 2010 sad-data tal-effettiv pagament inkluz il-Mandat tas-Sekwestru Numru 2033/2010.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Victoria Bartolo pprezentata minnha fit-13 ta' Settembru, 2010 fejn eccepiet:

*1. “Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jisimha Victoria Bartolo u mhux Victoria Bonello kif erronjament indikat fl-Avviz promotorju. Ghaldaqstant ghandha tintalab korrezzjoni fl-isem tal-konvenuta sabiex dan ikun jindika illi Victoria Bartolo bhala l-intimata.*

*2. Illi x-xoghol illi tieghu huwa pretiz il-hlas ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan ghal diversi ragunijiet inter alia:*

*i. Il-haddiema illi ezegwew ix-xogholijiet ma kienux persuni b’esperjenza fil-kamp u kienu haddiema ordinarji mhux gardiniera;*

*ii. Bosta mill-prodotti u oggetti illi gew utilizzati mis-socjeta’ attrici, b’mod partikolari l-pjanti, xtieli u s-sigar kienu ta’ kwalita’ hazina ferm – fil-fatt diversi sigar kellhom jinbidlu filwaqt illi ohrajn mietu wara ftit zmien;*

*iii. Il-metodu ta’ kif inzraw diversi xtieli ma kienx professjonali tant illi nzraw pjanti nkompatibbli bir-rizultat illi diversi xtieli mietu;*

*iv. Diversi xogholijiet illi kellhom isiru saru hazin u b’nuqqas ta’ professjonalita’ kbira, fosthom cint illi nbena fil-lok u bil-mod zbaljat u s-sistema ta’ saqwi tas-sigar illi hija inaddatta ghas-sigar;*

*Illi in piu’ u minghajr pregudizzji ghas-suespost, il-prezz illi l-bilanc tieghu qed jintalab il-hlas qatt ma gie miftihem bejn il-partijiet u l-partijiet qablu illi l-prezz kellu jkun minimu;*

*Illi wkoll, l-ammont illi qed jigi pretiz huwa in effetti ferm esagerat u eccessiv meta wiehed jikkunsidra kemm in-natura tax-xoghol per se kif ukoll il-kwalita’ tax-xoghol u l-prodotti u l-inesperjenza mill-persuni inkarigati iwettqu x-xoghol;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Il-Qorti rat l-affidavit tal-konvenuta **Victoria Bartolo** pprezentat fit-13 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjarat li hi l-propjetarja tal-fond Julian's Place, Ivo Muscat Azzopardi Street, San Giljan. Spjegat li f'Marzu tal-2009, flimkien mal-*partner* taghha John Mc Cusker, kienet tat inkarigu lil Asia Arts biex jezegwixxu xogholijiet gewwa l-fond taghha fuq planters ta' quddiem tal-fond u eventwalment biex jaghmlu il-*back planters* u jinzerghu diversi sigar gol-gnien taghha, u tinholoq sistema ta' saqwi. Hija kienet tat dawn l-istruzzjonijiet direttament lil Dura Bannon. Id-diskussjonijiet rigward in-natura tax-xogholijiet saru dejjem ma' Dura Bannon illi sa fejn taf hi, kien id-*designer* tal-kumpannija.

Mill-bidu nett kienet talbet kwotazzjoni tal-ispejjez tax-xogholijiet. Bannon kien ikkwota l-prezz tas-sigar ta' quddiem bhala €3,028 li huma ekwivalenti ta' Lm1,300. Meta waslu fix-xoghol fil-gnien ta' wara u nzerghu is-sigar tac-cipress, huwa kien ikkwota €5,000 ghax-xoghol kollu kompriz il-prezz tas-sigar u hija accettat dan il-prezz. Rigward ix-xoghol fuq is-sistema ta' saqwi u r-rata li kien ser izomm ghax-xoghol, Bannon qallha biex thalli f'idejh u li ma kienx hemm xi spejjez kbar hafna.

Victoria Bartolo kkonfermat li x-xoghol beda f'Marzu 2009, u li minhabba n-natura tax-xogholijiet, hija tat struzzjonijiet lill-haddiema biex jaghmlu xi xoghlijiet bhal garr ta' hamrija u *gypsum boards* f'wahda mill-propjetajiet fejn kellha bzonn tiksi tliet hitan u saqaf. Dawn ma kienux parti mill-progett tal-gnien.

Hija qalet li kemm il-darba staqsiet lil Bannon biex jghidilha kemm se tkun l-ispiza ghax-xoghlijiet zejda li qabbduh izda hu dejjem wegibha li x-xoghol mhux kwistjoni ta' flus izda l-importanti li x-xoghol ikun ghal qalbha. Hija kienet avzatu li kellha hafna spejjez ohra u li kien ha jkollu jistenna ftit qabel ma tkun tista' thallsu ghax-xogholijiet l-ohra, imma malli kienet tbiegh wiehed mill-propjetajiet kienet tehles mill-obbligu taghha. Hija riedet ukoll issir taf l-ammont tal-ispejjez minn qabel biex tara jekk kinitx tiflah ghalihom. Huwa baqa' ma tahiex risposta u x-xoghol baqa' ghaddej.

Hija specifikat li Bannon kien qalilha li kien ser juza *team* ta' gardinara fuq il-progett. Infatti gieli gie Mr Bannon waqt ix-xogholijiet u drabi ohra baghat haddiema tieghu. Hija qalet li x-xoghol kien ta' natura teknika ta' *gardening* pero' qatt ma kien hemm gardinar ma' Bannon jew il-haddiema tieghu, izda gab l-ghajnuna ta' zewg extra kommunitarji biex jaghmlu dak kollu li kien hemm bzonn. Hija gieli wzat is-servizzi taghhom biex inaddfu l-partijiet tal-komun, igorru z-zrar minn naha ghall-ohra tal-gnien u fl-istess hin inaddfu u jaghmlu xoghol iehor ta' *handyman*. Hija kkonfermat li huma ma kienux gardinara izda kienu jaghmlu kull xoghol li kien hemm bzonn u li kien iqabbadhom Bannon. Huma ma kienux jahdmu mal-kumpanija full-time u kellhom ukoll xoghol iehor. Il-haddiema mhux dejjem kienu l-istess nies u darba minnhom qalet li rceviet telefonata anonima minn ragel b'accent barrani xi l-hdax ta' bil-lejl u halla messagg fuq il-voice mail fejn espressa xewqat ta' dak li kien jixtiqilha f'hajjitha u x'kien jahseb li hi bhala persuna.

Hija flimkien ma' John McCusker baqghet tisma' fuq it-telefon, u hasbu ghall-ewwel li kien wiehed mill-haddiema izda meta kellmet lil Dura Bannon u semmghetlu l-messagg hu qalilha li ma setax ikun. Qalet li darba wiehed mill-haddiema qalilha biex iccempillu fuq il-mobile biex taghmel arrangamenti biex tiftah filghodu biex jitkompla x-xoghol, qalilha biex iccempel fuq il-mobile tieghu biss biex ikollha certezza li hadd iehor ma jkollu n-numru taghha.

Meta inbeda' x-xoghol fuq wara d-dar fejn hemm pool, kellha tizra tlieta u ghoxrin sigra tac-cipress indigini Maltin (Cupressus semprevirens) fuq talba tal-Mepa ghax kienet qalet sigra tal-harrub. Hija flimkien ma' John kienet pingiet din is-sigra fuq karta biex Bannon ikun jaf ghal xiex qed jirreferu. Minflok, huwa zera' cipressi mpurtati minn Sqallija tat-tip Leylandii. Hija ressqet l-ilment taghha ghax hija sal-lum tibqa' responsabbli ghal multi da parti tal-Mepa. Meta kkonfrontatu huwa qalilha li xorta wahda kienu cipressi. L-ammont miftihem fuq dawn ix-xogholijiet specifici kien ta' € 5,000 izda ma thawlux is-sigar li talbet.

Ukoll, filwaqt li s-sigar kellhom ikunu twal tliet metri, gew imwahhla sigar ta' zewg metri biss.

Hija qalet li Asia Arts kellhom l-inkarigu li jizirghu is-sigar li kienu ftehmu fuqhom, izda s-socjeta' attrici kienet taghti l-pariri taghha waqt il-prosegwiment tax-xoghol. Mr. Bannon kien qalla biex thalli kollox f'idejh u biex ma tindahalx fl-idejat tieghu. Meta hija kellha zewg sigar tal-hibiscus li kienet zrat xi ghaxar snin ilu go *pots* u riedet tizrahom fil-hamrija, hu qalilha li seta' jhawwilhom l-aqwa li ma tindahalx fil-pjanijiet tieghu. Hija kienet sorpriza b'dan il-kliem izda halliet f'idejh ghax kien espert tax-xoghol. Huwa zera' dawn is-sigar tal-hibiscus fejn pjanta tal-lavender pero' wara ftit taz-zmien wahda mill-hibiscus mietet u saret taf li din mietet ghax ma kinitx kompatibbli mal-lavender.

Darba minnhom il-*partner* taghha John McCusker qal lil Bannon biex ilesti x-xoghol malajr "*u l-aqwa haga kienet illi jkollu x-xoghol lest milli kemm kienu ha nonfqu".* Dan ma kienx ifisser li kienu lesti li jhallsu kwalsiasi ammont mitlub anke jekk irragjonevoli izda xtaqu li jitlestew ix-xogholijiet.

Problema ohra li kellha kienet tinvolvi c-cipressi fil-*front planters* (separatament mit-23 cipressi indikati qabel) li kienu tat-Tuja u mhux indigini Maltin. Xi tnax minnhom ma kienux qabdu u kellhom jinqalghu u meta kellmu lil Mr Bannon, hu akkuzhom li ma saqqewhomx bizzejjed u rrifjuta li jibdilhom. Hija ziedet tghid li qatt ma gew infurmati bil-possibilita' illi dawn ma jaqbdux jew li jmutu.

Meta tlesta x-xoghol, Mr. Bannon kien lest li jaghmel manutenzjoni generali u jsaqqi sakemm huma kienu msefrin. Sadanittant kellha *cutting* ta' dielja li kienet ilha tkabbar xi sentejn go qasrija u talbitu biex ihawwilha fil-hamrija u jsaqqiha fl-assenza taghha, meta giet lura din kienet mietet ghax halliha bla ilma. Meta giet lura sabet ukoll li l-vit tal-ilma fil-gnien ma kienx inghalaq u l-ilma mill-*hose pipe* baqa' jigri u mela l-pool li kien ghadu hofra ghax kien qed jinbena. Hi qalet li dan halla mpatt fuq il-kontijiet ta' l-ilma u wera nuqqas ta' professjonalita'.

Kien hemm diversi problemi wara t-tlestija tax-xogholijiet. Kellu bzonn isir *repotting* ta' hafna pjanti ghax kienu qed jghaffgu u joqtlu lil xulxin u whud minnhom kienu gew imhawwla ma' pjanti ohra nkompatibbli u li joqtlu lil xulxin. Diversi pjanti kienu mietu wara xahar u nofs. Problema ohra kienet il-kwalita' tal-hamrija esistenti ghax huwa uza l-hamrija taghha stess izda naqas milli jzid il-compost u materjal iehor biex il-pjanti jikbru b'sahhithom. Madanakollu Asia Arts zammew kont ghal kwantita ta' compost. Kien hemm problema wkoll fuq is-sistema ta' saqwi tas-sigar ghax il-pajpijiet kienu zghar hafna u mhux adatti ghal sigar kbar imma ghal pjanti zghar jew fjuri. Is-sistema kienet inadegwata u sa llum ghadha ma tistax issolvi l-problema ghax tiswa hafna flus. Ic-cint tal-*pool area* kellu jkun bejn il-hamrija u l-madum biex ikun cint divizorju u Bannon inkariga bennej biex jibni dan ic-cint. Pero' meta hija marret fuq il-post sabet lill-bennej jaqla' u jkisser madum li kien jiccirkonda lill-propjeta' kollha imma dan ma kellux jinqala'. Il-ftehim skond il-pjanti tal-perit kellu jkun li jitla' cint tal-konkrit fuq il-hamrija. Hija kkonfrontat lil Bannon fejn dan tefa' t-tort fuq il-bennej. Pero' l-bennej qal li hu mexa' skond l-istruzzjonijiet ta' Bannon. Bannon ghamel xogholijiet biex inehhi c-cint u bena' fuq il-hamrija skond il-ftehim. Hija qalet li kellha tohrog spejjez minn butha biex tiksi l-parti maqlugha bil-madum.
Spjegat ukoll li Mr. Bannon talabha juza zewg garaxxijiet fil-fond taghha biex jahzen injam tal-bamboo u pjanti li kien ghal klijenti ohra. Minn ftit gimghat l-injam baqa' sa Settembru. Ghalhekk hi cemplet lil Mr. Bannon biex jaghtiha lura r-*remote control* tal-garaxx u jnehhi l-injam mill-propjeta' taghha. Sa dan iz-zmien qatt ma nhareg kont f'isimha izda wara t-telefonata irciviet kont minn Asia Arts ghalkemm ix-xoghol kien ilu lest.

F'Settembru Mr. Bannon cemplilha fejn infurmaha li kien se jhallilha l-kont fil-*letter box* id-dar taghha ghax kien hemm diversi pagni b'ammonti differenti u li l-kont kien qrib € 25,500. Hija qaltlu li kien ahjar kieku qalilha meta spicca x-xoghol u mhux daqsekk tard. Hu qalilha li mhux l-ewwel darba li ghamel hekk ma' klijenti tieghu u li kellu

kwistjonijiet fuq hekk mad-direttur l-iehor Martin Aquilina. Hija qalet li dan il-kont kien ezagerat u meta qalet dan lil Mr. Bannon hu wegibha li dawk kienu r-rati u li kellha taccetthom. F'wahda mit-telefonati li kellha ma' Martin Aquilina fuq din il-kwistjoni hu wissiha li kien ha jiehu passi kontriha u li hu qatt ma ra l-kontijiet li nhargu. Ikkonfermat li hija hallset  Euro 17,000 izda li kwalsiasi ammont superjuri huwa eccessiv in vista tal-kwalita' xejn professjonali ta' bosta aspetti tal-progett. Hija kienet ghamlet paragun ma' terzi u ndunat li l-prezzijiet kienu eccessivi. Qalet ukoll li l-prezz kien jirrigwarda *skilled labourers* izda x-xogholijiet saru minn extra-kommunitarji ordinarji li ma kienux gardinara ta' l-esperjenza jew kwalifikati.

Hija sottolineat diskrepanza fuq il-kont mahrug datat 25 ta' Settembru 2009 fejn l-ammont mitlub kien € 25,367.12, mentri f'sahna ta' mument kien tahom skont ta' € 2,000 fuq is-sigar mejta a bazi ta' l-ilmenti taghhom. Ghalhekk il-bilanc kellu jkun € 23,367.12. Hija kienet hallset € 17,000, ghalhekk il-bilanc minghajr ammissjoni ta' l-istess, kellu jkun ta' € 6,367.12. Il-kawza pero' giet intavolata ghal € 6,775.

In konkluzjoni qalet li meta giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru pprezentat minn Asia Arts hija kkomunikat ma' Martin Aquilina fejn qalilha li ha jaghmel mill-ahjar biex jilhqu ftehim bonarju u semma lil wiehed Dominic tal-kumpanija Spot On biex ikun medjatur. Hija kienet id-Danimarka dak iz-zmien u li fl-ahhar ta' Lulju kienet gejja Malta u kienet lesta li jitkellmu. Hija qaltlu fuq it-telefon li kienu ilhom disa' xhur jixghu barra u li ma setetx issolvi s-sitwazzjoni qabel. Pero' wara ftit tal-jien irciviet l-Avviz li jindika li fetah il-kawza kontrija u meta cemplet lil Martin Aquilina u qalilha la ma kellu ebda intenzjoni jaghmel mod iehor. F'dan l-istadju ghalhekk hija ma kien fadlilha l-ebda ghazla ghajr li tikkontesta l-kawza.
**Victoria Bartolo** xehdet nhar l-1 ta' Frar 2012 fejn iddikjarat li hija ghamlet diversi *complaints* fuq dawn ix-xogholijiet li ghamlulha l-atturi sahansitra anke qabel ma' gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru. Fil-fatt lil Mr Bannon kienet staqsietu ghaliex kienu mietu l-pjanti u

kienet staqsietu wkoll dwar problemi ohra li kellha fil-*landscaping* u dan sar fix-xhur ta' qabel ma' hareg il-mandat. <u>Mistoqsija ghaliex fl-email li hija baghtet fil-11 ta' Mejju 2010 kienet irrikonoxxiet li effettivament hija kienet ghad baqaghlha taghti lill-atturi, pero' kienet talbithom zmien sabiex tbiegh xi proprjeta' u sabiex tkun tista' tbiegh il-bilanc imma ma semmiet xejn dwar dawn l-ilmenti li kellha twiegeb. Hija l-ilmenti dejjem semmiethom ma' Mr Bennon pero' saritilha referenza ghad-dokument AA1 a fol 60 tal-process fejn hija fil-fatt kienet qalet illi kienet irrikonoxxiet li kien ghad baqaghlha bilanc pendenti u sabiex tistenna ftit iehor sabiex thallsu. Hemmhekk ma' hemm ebda referenza ghall-ilmenti li kellha.</u>

Ix-xhud spjegat li l-ilmenti li hija kellha u li esprimiet ruhha ma' l-atturi kien dejjem b'mod verbali. Lil Mr Bannon qaltlu kemm-il darba li kienet diga hallsitu ammont sostanzjali u hija qaltlu sabiex tiggustifika l-pjanti li huwa hawwel billi jibaghtilha gustifikazzjoni u din l-email li saritilha referenza ghaliha kienet email ad hoc.

Hija kkonfermat illi mal-attur hija lmentat qabel ma' hareg il-mandat tas-sekwestru. Bhala provi ghandha biss il-kelma taghha li lmentat. Hija kkonfermat li kienet ziedet max-xoghol originali u kienet mghaggla biex tbiegh pero' mhux minnu li hija ma ndagatx fuq il-prezzijiet. Hija sostniet illi kienet tistaqsieh ghal prezzijiet extra pero' Mr Bannon kien jghidilha biex tafda fih u la darba jitlesta l-*landscaping* il-proprjeta' tinbiegh malajr. <u>Huwa minnu li kienet tiddelega lil John McCaster sabiex jitkellem f'isimha u kien imur fuq il-post biex jara li l-affarijiet sejrin sew.</u>

Ix-xhud stqarret li sa' dakinhar il-proprjeta' kienet nofsa mibnija u nofs l-iehor kienet ghadha qed issir tip ta' *landscaping* fuqha. Hija kkonfermat illi John Mc Caster kien il-partner taghha. Huwa kien jinfurmaha b'dak kollu li kien ikun ghaddej. Hija kienet issiefer ta' spiss u jekk kienet taghmel xahar barra kienet taghmel gimghatejn hawn Malta. Meta hija kienet imsiefra kienet tqabbad lil Mr Bannon jiehu hsieb u kellha wkoll il-gardinara ta' Calamatta li jiehdu hsieb darbtejn fil-gimgha u kienu jsaqqulha. Hija ghamlet dan ghax meta kienet siefret Mr Bannon ma kienx ha hsieb kif suppost. Huwa minnu pero' li hija ghamlet zmien imsiefra fis-sajf u lil Mr Bannon qaltlu sabiex jiehu hsieb manutenzjoni tal-gnien sakemm tigi

lura minn barra u kienet ser thallsu hamsa u tletin Ewro (€35) ghal kull darba li kien imur. Hija dejjem staqsietu kemm kien ser jicchargja pero’ Mr Bannon qatt ma’ kien jaghtiha quote. Pero’ ma kienetx staqsietu kemm kien ser jichargjaha talli jsaqqi. Il-problemi li ghandha fl-affidavit qatt ma’ baghtielha email dwarhom lil Mr Bannon. Hija qalet li trid ticcekja fir-records taghha. Hija b’kollox hemm xi sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000) u taf li kien ghad fadal bilanc ta’ il-fuq minn sitt elef Ewro, pero’ hija thoss li kienet giet misruqa u ghalhekk hija ma riditx thallashom. Mistoqsija jekk hija baqaghliex taghtihom qalet li iva skond il-karti sitt elef seba’ mija u hamsa u sebghin Ewro (€6,775) u hija ma ridiet taghtihom xejn minnhom.

Hija qalet li fil-bidu l-pjanti kienu qed imutu u Mr Bannon beda jirrifjuta li jbiddilhom jew li jaghtiha spjegazzjoni dwarhom. Meta l-gnien beda jikber hemmhekk kien ser johrog il-vera teknika tal-landscaping. Wara x-xhur hija bdiet tinduna li kien hemm certu pjanti ma jaqblux ma’ xulxin u kien hemm certu hedges li kienu jikbru bil-mod hafna li kellha taqlaghhom ghax saru qishom *weeds*. Dawn id-dettalji teknici qalet li huma ovji ghaliex tarhom b’ghajnejk u l-landscaping li ghandha llum kienu jigbdulha l-attenzjoni dwarhom. Hija spjegat li qed ikollha meetings regolari u qalulha kif jitranga l-gnien. John Mc Caster ma kellux awtorita li jiffirma ghan-nom taghha, pero’ li gara hu li hija kienet talbet lil Mr Bannon biex jaghtiha ricevuta fiskali tal-pjanti kollha li hallset ghalihom u dan irrifjuta li jiddiskuti maghha u beda jghajjat u jghidilha dak kien il-prezz u ma’ kien hemm xejn x’jiddiskutu. Konsegwentament kien hemm John Mc Caster prezenti u talab meeting mieghu biex sabiex jivverifikaw il-kwantita’ ta’ pjanti li thawlu.

<u>Mistoqsija ghalfejn effettivament Mc Cusker iffirma d-dokument ezebit fl-atti proprju a fol 41 wiegbet li kien iffirma bhala ricevuta tal-ammonti ta’ pjanti li thawlu u mhux bhala ricevuta tal-kont. Hija kienet prezenti meta ffirma l-kont pero’ kienet zammet il-boghod hafna u halliet lil Mc Caster ikellmu ghaliex id-diskussjoni kienet saret agressiva u ghalhekk marret l-hemm</u>. John Mc Cusker jaf jaqra. Hija kkonfermat illi kienet talbet li tirritorna certu pots pero’ dawn baqghu ghandha. Dawn huma pots kbar li ma jistghux jintrefghu minn persuna wahda. Hija sostniet

li l-pots ma jistghux jigi ghalihom wara sentejn u ghanlhekk ghandhom jibqghu hemm fejn qeghdin.

Il-Qorti rat l-affidavit ta’ **Abdel Gader Bannon**, pprezentat fis-26 ta’ Ottubru, 2010 fejn qal li Victoria Bartolo u l-partner taghha John McCusker dejjem inghataw prezzijiet in relazzjoni mal-propjeta taghhom taht l-isem ta’ “Julian’s Place” u li certu xoghlijiet gew kancellati ghax l-konvenuta rathom eccessivi. Rigward spejjez relatati u rata ta’ pagament ma kienux gholjin imma akkumulaw minhabba li gew inkarigati mill-klijenti biex jaghmlu xoghol iehor. L-istimi kienu jinghataw lil klijenta frekwentament wara kienu jintalbu xoghol *extra*, tant li gieli rrifjuta xoghol minn klijenti ohrajn biex jitlesta l-progett. Hemm xhieda li meta hu ta’ stima bhala intermedjarju u meta tqabbdu nies professjonali dejjem provdew stima u thallsu minnu, inkluz xoghol ta’ gypsum minn Spot On u bennejja ohra.

Bannon qal li huma dejjem taw lill-klijenta kwotazzjoni ghal kull bicca xoghol li kienet titlobhom ghax hi kienet titlob kwotazzjoni qabel ma taghti l-approvazzjoni taghha. Il-kont totali ma setax jinghata ghax ix-xoghol kien gie varjat mill-klijenta stess u t-total kellu jinhadem fl-ahhar la darba l-ispejjez kienu saru.

Ghalkemm il-haddiema ma kinux gardinara, dawn kienu supervizjonati minnu. In-nies inkarigati mill-gardinagg kienu dejjem l-istess. Il-garr ta’ materjal ta’ kostruzzjoni kien isir bl-idejn peress li l-*crane* ma setax jidhol fil-propjeta u kien jinvolvi caqliq fuq sulari differenti bit-tarag. L-konvenuta gieli ghamlet tibdiliet kemm ta’ tip u anki ta’ kulur minn dak miftihem u kien jinvolvi spejjez ohra. Meta kienet prezenti gieli hallset hi direttament lil haddiema ta’ xogholijiet extra. Pero’ l-kiri ta’ skips u xogholijiet ohra thallsu minn Asia Arts ghax ma kinitx tkun prezenti jew ma kellhiex flus fuqha. It-telefonata anonima hi allegazzjoni bla fundament ghax in-numru taghha qatt ma tqassam lil haddiema ordinarji izda kien jintuza biss ghal bzonn.

Huwa qal ukoll li l-konvenuta qatt ma tat indikazzjoni cara u l-ebda tpingija fuq it-tip ta’ cipress u ma kinitx taf l-isem ezatt. Hu kien ippuntalha sigra minn uhud mizrughin fi

*traffic island* u qaltlu li kienu tajbin minghajr qatt ma ghamlet referenza ghal xi talbiet mill-MEPA. Hu zied li l-pjanti gew approvati meta nzerghu. L-argumenti nqalaw meta rat il-kont. It-tul kien sodisfacjenti ghal klijenta meta twahhlu u ma tat l-ebda ndikazzjoni li ma kinitx kuntenta. Rigward l-allegazzjoni li hu kien jaghmel ta' rasu, hu qal li dan imur kontra dak li ntqal fil-para 7 li kien li x-xoghol ikun ghal qalbha u li jsebbah il-propjeta – din dehret li hi kontradizzjoni. Hu sostna li tant kemm kienet kuntenta bix-xoghol kemm tieghu u tal-kumpannija "Spot On" li xtaqet torganizza "party" ta' ringrazzjament.

Abdel Gader Bannon qal li l-pjanti tal-hibiscus ma kienux inzerghu vicin tal-pjanti tal-lavender kif intqal, sa kemm kien ghaddej ix-xoghol dawn il-pjanti kienu hajjin u bil-fjuri, pero' qal li qatt ma tista' tinghata garanzija fuq pjanti. Kompla qal li d-decizjonijet dejjem ittiehdu mill-klijenti, huma kienu jaghtu biss pariri. Darba ssuggerixxa pots ta' kulur charcoal/lava li gew accettati izda meta tlesta' x-xoghol, dawn ma kienux ghal qalb il-klijenta u ddecidiet li jinbidlu ghal fuq l-ahmar. Semma wkoll li Mr McCusker ma kienx jitkellem bil-Malti, allura l-kwotazzjoni ta' para 11 kienet kemmxejn vaga. Rega' sostna li kien taghha stima ta' kull xoghol individwali u qatt ma sar xoghol li ma kienx approvat minn xi wiehed mill-partners jew it-tnejn f'daqqa. Kieku x-xoghol sar skond il-pjan originali, kien jitlesta' ferm qabel izda hemm hafna tibdiliet u zidiet. Qal ukoll li l-pjanti li mietu kienu f'pots u ma kinux imqabdin mas-sistema ta' saqwi, li l-klijenta ddecidiet li taghmel *irrigation system* aktar tard ghal dawn. Dan il-perjodu kienet imsiefra u ma ssaqqewx u ghalhekk kien difficli li jzommu hajjin minghajr ilma , l-iktar meta kienu esposti ghax-xemx kif kienu. Meta dawn twahhlu kienu hadu l-approvazzjoni tal-klijenti.

Rigward il-*cutting* ta' mhux aktar minn 30cm f'forma ta' xitla go landa tal-*preservatives* qadima, kienet giet imsaqqija bhal kull pjanta ohra. Qal li fuq il-vit ta' l-ilma, dak iz-zmien kien hemm haddiema ohra estraneji minn Asia Arts fosthom haddiema li jqedu l-madum, dawn kellhom access ghal vit u ma setghet issir l-ebda akkuza lejhom. B'referenza ghall-para 14 li kienu qed jghaffgu,

dan indika li l-pjanti kienu qed jikbru u wara li tlesta' x-xoghol, kellhom jigu kkontrollati mill-klijenta. Meta l-pjanti jithallew jikbru wahedhom, dawn setghu imutu bla ilma jew ikabbru l-gheruq u johonqu pjanti ohra.

Qal ukoll li l-hamrija tal-klijenta giet imcaqilqa ghax hasbet li kien qed isir *seepage* ghal gewwa l-garage area, dan iccaqlaq permezz ta' bramel u hafna turgien ghal *back garden*. Il-problema ta' *seepage* kienet tiddependi minn problema bil-madum totalment indipendenti minn Asia Arts. Hamrija ohra ngiebet u tnizlet bi crane ghall-area ta' quddiem ghax il-hamrija ntuzat ghall-area ta' wara. Dan kien kollu xoghol zejjed u deciz mill-klijenta li kella zball u gie ccarat mill-perit taghha meta dan gie fuq il-post. Il-compost intuza u kien mahzun fil-garage taghha stess u ntuza quddiemha. Meta kien isir it-thawwil generalment hi kienet tkun prezenti u ghalhekk taf li kien intuza l-kompost.

Qal ukoll li l-ghazla tas-sistema ta' saqwi kienet tal-klijenta. Il-madum in kwestjoni f'para 17 nqala' bil-galbu u allura kull ma kien hemm spejjes ta' tqeghid mill-gdid. L-iskont li nghata iktar tard kien superjuri ghal dawk soffruti mill-klijenta u li seta' kien hemm dizgwid mal-bennej, izda kif qalet hi stess ic-cint sar kif suppost u ghas-sodisfazzjon tal-klijenta.

L-injam tal-bamboo u pjanti msemmijin f'para. 18, Bannon qal li dawn kienu biex jintuzaw fil-propjeta tal-klijenta stess u thallew hemm biex ikunu facilment accessibli. L-injam kien beda jitqieghed izda l-klijenta mbaghad iddecidiet li ma taghmilx '*partition*' minn dan il-materjal. L-injam baqa' hemm izda tnehha meta gie kkuntatjat u l-ispejjez ta' dan l-injam sar doppju ghat-tnehhija mill-propjeta. Ix-xoghol kien tlesta' u ghalhekk kien irrelevanti jekk intghazilx dan iz-zmien biex gie prezentat il-kont. In vista tal-fatt li dejjem nghatat stimi tax-xoghol, it-total kien biss addizzjoni, izda deher li hija ma zammitx kont taghhom. Qal li l-allegazjonijet dwar klijenti ohra huwa rrilevanti u diffamatorju, in quanto meta gie prezentat kont lil klijenti tieghu, hu kien dejjem jghaddieh mal-klijent biex jikkonferma f'kull bicca li tkun saret.

Qal li f'dan il-kaz il-kont kien gie ezaminat minn Mr John McCusker li ffirma fuq il-'*Job List*'. Huwa sostna wkoll li mhux car kif sar il-paragun f'para. 20 peress li x-xogholijiet addizzjonali ma kellux isir min gardinara izda minn varjeta ta' *unskilled labourers* li nvolva hafna garr u hin.

Huwa ghamel referenza ghall-paragrafu 21 fejn kien hemm bzonn *skilled labourers* dawn ingabu minn kumpanniji jew bennejja stabbiliti, u gew imqabbda u gieli mhallsa minn Asia Arts fin-nuqqas tal-presenza tal-klijenta jew ta' fondi monetarji taghha. Wiehed mid-diretturi ta' Spot On Co. Kien prezenti waqt uhud mill-okkazjonijiet fejn fuqhom saru allegazzjonijiet u ghalhekk lest li jixhed dwarhom fil-Qorti. Hu qal li l-konvenuta f'telefonata ma' Martin Aquilina b'ton intimatorju qaltlu li kienet se tikxef fil-Qorti li kienu qed jigu mpjegati l-haddiema, Bannon qal li din saret prattika komuni fil-pajjiz u li dejjem hallsuhom b'mod regolari ghax-xoghol li kienu jaghmlu. Qal li gie akkuzat li nstallaw pompa fil-fond li kellha difett u kkawzat hsara fis-suffett, dan irrizulta li ma kienitx installatat minn Asia Arts. Hu staqsa lil Mr McCusker biex jindikalu fil-*job list* fejn hi mnizzla din il-pompa, dan skuza ruhu mieghu u wiegbu li kien zball tal-konvenuta .

Id-diskrepanza fil-bilanc qal li rrizultat meta kienu qed isolvu l-kwistjoni pacifikament, l-konvenuta talbitu biex jiehu lura u jnaqqsilha mill-kont ammont ta' pots li kellhom imhawla pjanti li kienu mietu. Huwa kien accetta izda baqa' ma hax pusses taghhom. Dawn ghandhom valur ta' €407.88.

Rigward l-offerta ta' Dominic Abela tal-Kumpanija Spot On qal li kienet offerta in buona fede min-naha ta' Abela li jtiha offerta biex jixtri garaxx halli jigi solvut id-dejn dovut lis-socjeta' attrici u fl-istess hin taghmel gwadann . Huwa pprova jikkuntatja lill-konvenuta b'hafna modi u meta ikkuntatjathom , kienet infurmathom li kienet ilha d-Danimarka ghal 7 xhur, minghajr ma kien hemm hadd inkarigat biex jiehu hsieb il-pjanti. Hija qatt ma avzathom li kienet se ssiefer ghal tul taz-zmien u kkuntatjathom biss wara li sehh is-sekwestru fejn talbithom biex inehhu s-

sekwestru lejliet l-iskadenza tat-terminu tieghu u jmorru arbitragg. Mr. Aquilina wegibha li dan ma setax isehh wara li ghal tul ta' zmien injorat l-attentati taghhom ta' komunikazzjoni maghha.

Mr. Bannon ikkonkluda fl-affidavit tieghu li l-problema tidher li qatt ma kienet dwar in-natura tas-xoghol li kien sar, fejn hawn qal li ta rendikont adegwat ta' dan, izda d-dewmien u prokrastinazzjoni tal-konvenuta , u l-hlas kien jiddependi mill-bejgh tal-propjeta' f'San Giljan jew partijiet minnha. Dan ma setax ikompli jikkawza lis-socjeta' attrici iktar telf ta' finanzi specjalment meta diga nghatat skont u hin addizzjonali minghajr ebda obbligu. In-nuqqas ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni min-naha taghha wara li tlesta x-xoghol u ntalab il-hlas ikkawzat din is-sitwazzjoni. Ghalhekk ihossu li Asia Arts ma kellha ebda mod iehor li jsolvu din is-sitwazzjoni hlief li jirrikorru ghall-gudizzju tal-Qorti.

Rat li **Abdel Gader Bannon** xehed il-Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2011 fejn qal li hu kellu jiltaqa' mal-konvenuta u flok ma giet hi kien gie Mr. McCusker u qallu li kien se jiehu hsieb li kien se jithallas. Ix-xhud kien urieh il-bilanci li kien fadal u McCusker iffirma d-dokument quddiemu, dak li jinsab a fol 41 tal-process. McCusker kien qabel dwar l-ammont pendenti. Dakinhar kien hemm certu pots li talab lix-xhud biex jiehu lura u kienu qablu u Bannon hadhom lura u tah discount, dak imsemmi ta' elf Ewro (€1,000), liema discount gie moghti fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, elfejn u ghaxra (2010). Meta saritlu referenza tad-dokument "AA1" a fol 60 tal-process, huwa kkonferma li kienu emails u SMSs. Huwa qal li meta kien mar ikellem lill-konvenuta, kienet ftehmet li thallas f'pagamenti mensili u kienet qaltlu li kellha tigbor xi flejjes mill-bank biex thallsu. Qal ukoll li dawk l-SMSs kien ircivijhom hu minghandha.
**Abdel Gader Bannon** in kontro-ezami nhar il-15 ta' Novembru, 2011 fejn qal li l-ftehim kien ghamlu mal-konvenuta, pero' maghha kien ikun hemm John McCusker. Huwa xtaq jghid li n-nies li kellu mieghu jahdmu fuq dan il-progett kienu kollha gardinara. Huwa mar fuq il-post in kwestjoni diversi drabi kwasi kuljum.

Huwa kien jaf li kien hemm certu sigar li kellhom bzonn permess mill-MEPA biex jithawlu. Victoria Bartolo kienet biss interresata dwar il-prezz u mhux minnu li Victoria Bartolo riedet certu cipressi ta' certu marka minhabba kwestjoni tal-MEPA, kien John McCusker li kien jaghzel il-pjanti u huma biss ippjantawhom. Huwa zied li qabel ma' baghtu l-kont, huma ghaddew kull pjanta u kienet kuntenta bihom. Ix-xhud qal li fil-fatt kienet tibghatlu l-SMSs fejn kienet tghidlu li hi kienet kuntenta u daen il-kwistjonijiet tqajmu wara. Dejjem kienet iggiblu skuza jew ohra biex taghmel il-hlas. Huwa zied jghid li verament kien hemm xi pjanti go pots li mietu, pero' dawn mietu minhabba l-fatt li ma kienux jsaqquhom regolarment. Huwa qal li hija kellha certu pots fuq xi cnut li ma setghux isaqquhom. Huma vera taw il-kompost, pero' kienu halltuha mal-hamrija kif suppost. Huwa ma jahsibx li huwa minnu dak li kien qed jigi ssuggerit, li effettivament uzaw aktar kompost milli hamrija u ghalhekk mietu l-pjanti. Huma lil Victoria Bartolo ghaddewlha anke ricevuti ta' nies li huma s-sub kontrattaw ghax-xoghol. Xtaq jghid li huma kienu tawha stima fil-bidu pero' kull meta kienu jmorru ghandha kien ikun hemm xi haga gdida, jew problemi jew xi xoghol gdid. Qal ukoll li l-job list huma kienu ddiskutewha ma' Victoria u mhux ma' Joe McCusker biss. Fil-fatt l-ghada kienet giet u taghtu cekk. Mistoqsi ghaliex fil-fatt iffirma l-istima John McCusker u mhux Victoria, hu wiegeb li ghalih kienu t-tnejn flimkien. Hu ma deherlux li kellu ghalfejn jistaqsi ghaliex u x'kienet ir-raguni, huwa haseb li kien ir-ragel taghha. Xtaq jghid li mhux veru dak li kien qed jigi ssuggerit lilu li John McCusker lilu qallu li kien qed jifirma hu pero' li kellu bzonn ikellem lill Victoria Bartolo.

Rat l-affidavit ta' **Martin Aquilina**, pprezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Novembru, 2010 fejn qal li l-involviment tieghu beda meta wasal  l-ordni tal-pjanti u s-sigar ghal klijenta Victoria Bartolo minn barra minn Malta wara li Mr. Bannon taghha l-prezzijiet u hi accettat. Qal li hija prattika normali li jingiebu pjanti u sigar minn gewwa l-Ewropa u hija segwita minn bosta jekk mhux is-serrer lokali kollha. Ix-xoghol wasal u ttiehed f'wiehed mill-garaxxijiet tal-konvenuta u hi dehret kuntenta bil-pjanti. Fl-istess hin

tkellmu fuq il-propjeta taghha u hi urietu l-*units* kollha tal-kumpless. Hu qal li biex jghinha offrielha biex tibghatlu informazzjoni fuq il-units u prezzijiet taghhom fl-email tieghu u hi hekk ghamlet. Huwa qal li mexxa l-kelma kemm seta' dwar dan il-kumpless u l-garaxxijiet izda ma rrizulta f'ebda xiri minhabba li l-kumpless kien jaghti ghal fuq *main road* principali u s-sitwazzjoni ekonomika negattiva ta' Malta f'dak iz-zmien ma kienitx ta' ghajnuna.

Hu qal li kien imur regolarmanet fuq il-post bejn is-siegha u t-tlieta ta' wara nofsinhar biex jiccekja l-haddiema u li x-xoghol kien miexi. Gieli sab il-haddiema qed jaghmlu xoghol mhux relatat mal-linja ta' gardinagg u meta staqsihom, kienu wegbuh li gew imqabbda mill-konvenuta u mill-partner taghha. Qal li l-konvenuta anke qabdet lid-direttur l-iehor Mr. Abdel Bannon biex iqabbad lill-haddiema jaghmlu xoghol ta' caqliq ta' materjal min-naha ghall-ohra tal-propjeta biex tkun tista' ggib xerrejja prospettivi jaraw il-propjeta. Hu flimkien ma' Mr. Bannon accettaw li jsir dan fuq insistenza tal-klijenti u biex jarawhom sodisfatti.

Martin Aquilina sostna li l-konvenuta kellha kliem ta' tifhir meta kien ghaddej ix-xoghol u anke meta tlesta' kemm mieghu u anke ma' hbieb komuni taghhom it-tnejn u ma' Dominic Abela li kien id-direttur tal-Kumpanija Spot On. Hi kienet esprimiet mieghu li xtaqet tistieden lilu, lil Bannon u lil Abela ghat-tieg taghha ma' John McCusker.

Qal li l-prezzijiet dejjem inghataw u gew accettati verbalment ghax l-konvenuta kienet tmur regolarment ghand Bannon b'idejat godda u hu kien jaghmel l-ahjar li jista' fl-inqas hin possibli biex jaqdiha. Deher car li hi qatt ma zammet rendikont tal-prezzijiet moghtija lilha. Huma kienu jzommu rendikont ta' dak li kienet tkun ordnat. Kompla qal li wara li gabru l-lista tax-xoghol kollu li sar f'*Job List* bil-prezzijiet, hi ghadditilhom depozitu fi ftit gimghat wara. Xahrejn wara, huma talbuha biex thallas il-bilanc dovut izda rrispondiet ftit granet wara li ma setetx thallas is-somma kollha u li kienet se taghmel pagament parzjali sakemm jinbiegh wiehed mill-*units* fil-propjeta taghha. Wara dan il-pagament huma hallew xahar wara li

qaltilhom li kienet gewwa Edinburgh. Hallew ftit jiem u kkuntatjawha b'diversi *SMS* li hafna minnhom baqghu bla risposta u wara sar pagament parzjali iehor. Saru pagamenti ohra regolarment u fl-istess hin inghataw *discounts* lill-konvenuta fuq xi xoghol li John McCusker insista li jsir bi tnaqqis biex seta' jsir il-pagament finali aktar malajr, kif ukoll fuq xi materjal ta' ceramika li sal-lum kien baqa' fil-pussess tal-konvenuta ghax ma giex irritornat lura kif miftiehem halli jinhargu d-*discounts*. John McCusker kien iffirma l-*Job List* riveduta bid-*discounts* u l-kont finali.

Qal ukoll li wara hafna xhur ma tirrispondix it-telefonati taghhom, baghtula *text messages* u *emails* fejn infurmawha li kellha sa l-14 ta' Gunju 2010 biex thallas il-pagamenti u li kienu bi hsiebhom jiehdu passi legali kontriha. Huma ghamlu sekwestru fuq il-kontijiet bankarji taghha ghal bilanc tas-somma dovuta fid-data ndikata aktar qabel. Wara dan is-sekwestru, hu qal li cempel lill-konvenuta fil-bidu ta' Lulju ghax kellu offerta minn Dominic Abela ghax kien interessat jixtri garaxx li l-konvenuta kellha ghall-bejgh. Hi kienet infurmatu li ma setghet taghmel xejn ghax kienet tinsab id-Danimarka u ma kinitx se tirritorna qabel is-17 ta' Lulju, 2010. Ma sar l-ebda diskors dwar is-sekwestru waqt dik it-telefonata. Hu kien ghamilielha cara li xtaq jasal ghal soluzzjoni pacifika u mill-aktar fis biex jevita aktar spejjez izda hi rrifjutat li tinzel lura Malta. Qal li lejliet it-terminu ta' skadenza tas-sekwestru u meta kellu jiftah il-kawza, kien ircieva telefonata fuq ic-cellulari mill-konvenuta u qaltlu li qed iccempel mid-Danimarka u ghal aktar minn nofs siegha hija ghajritu li mhux *gentleman* ghax ghamlilha s-sekwestru u talbitu jnehhih u talbitu wkoll biex minflok imorru tribunal. Dan wara li hi njorat l-*emails* u *text messages* kollha li kienu baghtulha.

Huwa zied qal li peress li hi ma kinitx facilment rintraccabli ghax kienet tqatta' hafna zmien barra mill-pajjiz, huma hassew li ma kellhomx garanzija li se jircievu l-hlas tal-bilanc dovut fuq ix-xoghol li kien ilu iktar minn sena li tlesta. Fl-istess telefonata qaltlu li se tirrapportah ghax kien qed ihaddem dawk li hija sejhitilhom *extra*

*komunitarji*. Wara dan it-theddid huwa nfurmaha li kien se jibqa' ghaddej bis-sekwestru u l-kawza u li t-telefonata kienet se tieqaf hemm ghax ma kienet xejn hlief telf ta' hin tieghu u flus taghha.

Huwa kkonkluda billi qal li huma ghamlu li setghu biex jaslu ghall-arrangament pacifiku maghha , izda n-nuqqas ta' kooperazzjoni taghha, flimkien mal-fatt li t-tifhir tax-xoghol inbidel f'hafna tghajjir wara li ntalab il-hlas tal-bilanc fit-totalita tieghu u sekwestru u attentati wisq tardivi taghha biex iwaqqghu il-kawza ghall-interessi taghha, wasslu ghal dan l-istadju biex finalment jitolbu hlas ghax-xogholijiet li ghamlu u ghar-restituzzjoni jew hlas tal-materjal tac-ceramika li tieghu kienet saret deduzzjoni.

Nhar il-5 ta' Ottubru 2011 **Martin Aquilina** xehed fil-kariga tieghu ta' Direttur fis-socjeta' Asia Arts u stqarr li ma kienx presenti meta Victoria Bartolo ordnat il-pjanti. Huwa qal li effettivament Victoria Bartolo ghamlet l-arrrangementi taghha ma' Bannon. Aquilina qal li kien hemm vann mimli pjanti u meta wasal id-*delivery* tieghu kien presenti u ghalhekk seta' jghid li hija dehret kuntenta bihom. Ikkonferma li l-haddiema li huwa baghat ghand Victoria Bartolo kienu haddiema gardinara li kienu nkarigati minn progetti ohra li huma ghamlu bnadi ohra. Victoria Barolo kienet qabdithom ukoll jaghmlu xi xoghol extra, bhal per ezempju il-garr ta' *rubble wall* u dan ix-xhud jafu minn dak li qallu Bannon.

Kien Bannon li kien irranga mal-konvenuta u meta kienet trid tordna affarijiet ohrajn bhal pjanti ohra kien Bannon li kien ikun informat u mhux hu. Mhux minnu dak li kien gie ssuggerit lilu li kienu awtorizzati li jmorru jigbru xi pots biex inaqqsu minn dak li kellhom jiehdu. Il-pots ghadhom ghandha sal-lum. Il-ftehim li kien hemm dwar l-affarijiet tac-ceramika sar ukoll ma' Bennon u mhux mieghu u ghalhekk ma seta' jghid xejn dwaru. Ix-xhud xtaq izid li l-istruzzjonijiet kienu jircevuhom kemm minn Victoria Bartolo kif wkoll minn John McCusker. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex ma harrkux lil John Mc Cusker. Il-kwistjoni bdiet ma' Victoria Bartolo u sussugwentament kien dahal fiha John McCusker. Victoria Bartolo qatt ma'

talbithom kopja tal-lista li kien iffirma John McCusker u ghalhekk ma tawilhiex. Dwar il-problemi li setghu nqalghu wara per ezempju fuq xi *repotting* ta' pjanti, jew li xi sigar ma kienux skont il-MEPA ma' jaf xejn. Is-sigar tac-ciprisk meta waslu Malta nghataw lil Victoria Bartolo fil-presenza ta' John McCusker, it-tnejn kienu prezenti. Rigward it-tip tac-ciprisk li kienet ordnat Victoria Bartolo, dik il-kwistjoni kienet f'idejn Bennon. Victoria Bartolo qatt ma talbitu xi breakdown ta' sieghat li hadmu l-haddiema jew ta' fiscal receipt li hargu ghan-nom taghha.

Il-Qorti rat l-affidavit ta' **Dominic Abela**, pprezentat fit-28 ta' April, 2011 fejn qal li hu kien gie mqabbad jaghmel xoghol ta' *gypsum* minn Mr. Bannon,wara li dan gie mitlub minn Mr John McCusker biex jimmiljora l-flat tieghu halli jkun jista' jbieghu. Dan ried li x-xoghol ikun maghmul malajr kemm jista' jkun. Mr. Bannon kien cempel lil Dominic Abela u Abela kien mar fuq il-post biex jara x'kien hemm bzonn isir u tah kwotazzjoni li kienet tammonta ghal €1,980 kollox inkluz. Mr. Bannon accetta din il-kwotazzjoni u cempel dak il-hin stess lil Mr. McCusker fejn accetta wkoll u ghalhekk ix-xoghol inbeda' l-ghada stess.

Abela qal li ghalkemm kienu maghfusin b'xoghol iehor, dan ix-xoghol inghata precedenza biex isir mill-aktar fis possibli. L-ghada u fil-granet ta' wara kienu prezenti John McCusker u Victoria Bartolo li fethu l-gate filghodu, huma kienu socjevoli hafna mieghu u mal-haddiema tieghu kif ukoll ma' Mr. Bannon, tant li qalu li xtaqu jistidnuhom ghal *party* meta x-xoghol ikun lest, inkluz Mr. Bannon. Mr McCusker u Ms Bartolo kienu dejjem prezenti u kienu jidderigu x-xoghol b'mod regolari skond ix-xewqat taghhom. Is-sidien kienu qalu li kienu kuntenti kemm bix-xoghol li ghamel hu u l-haddiema tieghu kif ukoll b'dak li kien qed jaghmel Mr. Bannon. Ix-xoghol dam ghaddej bejn wiehed u iehor gimgha fejn is-sidien kienu dejjem prezenti. Ix-xoghol tlesta u wara ftit jiem Mr. Bannon ghaddielu l-pagament skont il-kwotazzjoni ta' €1,980.

Rat l-affidavit ta' **John McCusker**, pprezentat fil-11 ta' Novembru 2011 minnu fejn iddikjara li Bannon kien ipprezenta lill-konvenuta l-invoice tax-xoghol li kien sar

ghal konvenuta.  Huwa ddecieda li jaghmel meeting ma’ Mr Bannon ghal nom taghha u ghamel dan wara li kien ilu nieqes minn Malta u wara l-laqgha li Ms Bartolo kellha ma’ Mr Bannon. Ms Bartolo qalet lix-xhud li waqt din il-laqgha hija kienet staqsiet fuq il-kwantita’ ta’ pjanti u materjali suppliti, l-ispiza tas-sieghat tax-xoghol u t-tip ta’ sigar li gew pjantati mis-socjeta’ attrici. Hija qaltlu wkoll illi Mr Bannon kien ghamilha ovja li hu ma kienx kuntent bil-mistoqsijiet taghha u sar aggressiv. B’hekk hija ma baqghetx komda titkellem mieghu. Ix-xhud qalilha biex ma tibqax tikkomunika mas-socjeta’ attrici u ma Mr Bannon u b’hekk kellu jintervjeni hu.

Waqt li x-xhud kellu laqgha ma’ Mr Bannon, huwa staqsa lil dan Mr Bannon biex jispjega l-kwantita’ msemmija fil-kont. Huwa ha lil Mr Bannon fuq il-post biex jurih numru ta’ sigar li kienu mietu u staqsieh jekk kienx ha jibdilhom. Il-materjali msemmija fil-kont huma numru ta’ *shrubs*, pjanti u pots. Mr Bannon kien qabel li kien hemm differenza fl-ammont ta’ kompost u pjanti ohrajn u l-kont kellu jigi trangat. Huwa qal lil Mr Bannon biex inehhi ammont ta’ pots tac-ceramika mill-kont u mill-proprjeta’ ghax ma kienx hemm iktar bzonnhom.

Waqt ix-xogholijiet ix-xhud kien qabel ma’ Mr Bannon li jqieghed dawn il-pots fil-proprjeta’ ghax Ms Bartolo kienet se taghmel open day biex tipromwovi l-post ghall-bejgh u dawn qablu ghax kien ha jkun reklam tajjeb ghal Asia Arts.

Il-pots tac-ceramika qatt ma ngabru minn Mr Bannon u gew inkluzi fil-kont aktar il-quddiem wara li nfethu l-proceduri tal-Qorti kontra Ms Bartolo. Fl-ahhar tal-laqgha wara li l-kwantitajiet gew diskussi fit-tul u tqajjem argument jahraq, Mr Bannon insista illi x-xhud ghandu jiffirma l-kont bhala ricevuta. Huwa sostna li r-raguni tal-firma ma kinietx ghax kien jaqbel mal-kont imma ghall-affarijiet li rcevew.

Ms Bartolo kienet infurmatu illi hija kienet dizappuntata ghall-ammonti li kienet mitluba thallas ghax kienu hafna iktar gholjin minn dawk ta’ distributuri lokali ohrajn. Hija

hasset li l-kont kien gie eccessiv. Ghalhekk ghall-ewwel ix-xhud ried jipprova jifhem fejn kien l-ammont eccessiv billi jipprova jiddetermina l-kwantitajiet.

Huwa qal illi kiteb dan l-affidavit ghax hu jahdem u jghix barra minn Malta u ma jigix Malta ta' spiss.
Rat in-nota ta' Victoria Bartolo li giet prezentata fl-14 ta' Frar 2012 fejn ghamlet referenza ghax-xhieda taghha stess fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012 u esebiet korrispondenza permezz ta' email li ghaddiet bejnha u bejn is-socjeta' attrici fit-3 ta' Gunju 2010 u cioe' f'data antecedenti ghall-prezentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju u d-datata ta' l-intavolar tal-proceduri odjerni.
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici Asia Arts Limited li giet prezentata fit-2 ta' April 2012 u dik prezentata mill-konvenuta seduta stante nhar is-6 a' Gunju 2012.
Ikkunsidrat:
Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob li tithallas ghax-xoghol li hija ghamlet ghand il-konvenuta konsistenti f'ippjantar ta' pjanti, xiri ta' l-istess u *landscaping* gewwa proprjeta' taghha f'San Giljan. Il-konvenuta minn naha taghha qed tghid li hija ma tridx thallas ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Illi ghalekk hija l-konvenuta li kellha tipprova li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u dan ghaliex mhux qed jigi kontestat li xoghol sar.
Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**' deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar it-tip ta' prova li ghandu jressaq attur f'kawza fejn inghad illi:
"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*
*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-*

*fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104);* "

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici resqet bhala xhieda taghha lid-Diretturi tal-kumpanija certu Bannon u Aquilina li kkonermaw li s-socjeta' attrici kienet inkarigata mill-konvenuta sabiex taghmel xoghol fil-gnien taghha San Giljan. Ikkonfermaw li x-xoghol sar u li Bannon kien iltaqa' ma' John Mc Cusker, is-sieheb tal-konvenuta, li kien jiehu hsieb ix-xoghol u jordna il-pjanti u dan kien iffirma dokument li huwa esebit a fol. 33 immarkat bhala Dok Z fejn hemm indikat ix-xoghol kollu li kien sar u l-prezzijiet tad-diversi xoghlijiet separati. Mc Cusker fuq dan id-

dokument iffirma li qed jaqbel mal-kont u li kien ser jithallas sat-12 ta' April 2010. Jinghad skond l-konvenuta Bartolo, dan Mc Cuter kien is-sieheb taghha u kien jissupervizjona x-xoghol li kien ghaddej u li kien intitolat jtikellem ghan-nom taghha. Minkejja din l-accertazzjoni pero' hlas ma sarx.
Is-socjeta' attrici esebiet ukoll dokument li gie mmarkat bhala Dok AA1 esebit fl-atti a fol. 60 li jindika l-smses li gew skambjati bejn Vincent Aquilina ghan-nom tas-socjeta' attrici u l-konvenuta u minn ezami ta l-istess jirrizulta li l-konvenuta kienet accettat li kellha thallas il-kont mibghut lilha tant li tghid *"I have already paid most of what I owe you and the pending balance has to wait a little longer till I sell something. Do you know anybody interested in a garage? I would appreciate some help because I need it ."* Mistoqijsa mill-Qorti ghaliex ma semmiet xejn f'dawn l-smses dwar l-eccezzjoni taghha li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti tghid li dawn kienu jintbaghtu *ad hoc*.
Is-socjeta' attrici tichad li l-pjanti mietu b'tort taghhom izda tghid li l-pjanti mietu ghaliex l-konvenuta ma kinitx tkun Malta ghal zmien twil u li sahansitra anke ghamlet xi sebgha xhur id-Danimarka u l-pjanti kienu jibqghu bla ilma. Dwar dan jidher li huwa minnu li kienet tkun id-Danimarka ghaliex anke fl-sms tghid li kienet id-Danimarka u li kienet ser tibghat xi flejjes minn hemm (fol. 60).
Il-konvenuta minn naha taghha tghid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti pero' ma tressaq l-ebda prova sabiex tissostanzja ix-xhieda taghha. Tghid li kellha impjegati ta' Calamatta li kienu isaqqu l-pjanti u nonostante dan xorta mietu. Dwar dan pero' ma tressaq l-ebda prova, la xhieda li fil-fatt saqqu u lanqas xi prova dokumentarja dwar xi hlas li setghet ghamlet lil Calamatta in konessjoni ma dan l-allegat servizz. Tghid li n-nies li hadmu ma kienux nies imharga f'dan ix-xoghol pero' prova dwar dan lanqas ma tressaq. Ma ipprezentat l-ebda rapport ta' xi espert ex-parte dwar din l-allegazzjoni jew xi ritratti sabiex turi in-nuqqasijiet li allegatament qed tghid li kien hemm. Fil-fatt tul iz-zmien kollu li din il-pendenza kienet pendenti, qabel ma gew inizjati il-proceduri odjerni,

ma jidhirx li l-konvenuta ikkontestat it-tip ta’ xoghol li gie esegwit izda dejjem talbet aktar zmien sabiex thallas.
Jinghad li huwa principju stabbilit li l-kuntratti jridu jigu esegwiti *in buona fede*. Il-kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita’ teknika mehtiega u ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (**“Biagio Muscat vs Anthony Falzon et”** A.I.C. (PS) - 12 ta’ Mejju 2003). Minn naha l-ohra, l-parti l-ohra ghandha taccetta dan ix-xoghol kemm-il darba dan ikun sar skond is-sengha u l-arti u thallas fi zmien stipulat u maqbul bejn il-partijiet.
Illi fl-inkarigu tieghu *“l’imprenditore ha l-obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo I dettami dell-arte sua e deve prestare almeno una capacita ordinaria”* (**Kollez Vol. XXVII.i.373).** Dan fis-sens li hu *“ghandu jiggarantixxi l-bonta’ tax-xoghol tieghu”* (**Kollez. Vol XL.i.485).**
F’dan il-kaz is-socjeta’ attrici resqet ukoll lil Dominic Abela xhud independenti jixhed u dan spjega illi l-konvenuta kienet qaltlu li x-xoghol tant kienet kuntenta bih, li sahansitra anke xtaqet tistieden lilu u lid-dirigenti tas-socjeta’ attrici ghat-tieg taghha ma’ Mc Cusker. Illi din ix-xhieda ma gietx kontestata u ghalhekk tikkolobora dak li qalet is-socjeta’ attrici li verament l-konvenuta qatt ma ilmentat maghhom dwar il-kwalita’ tax-xoghol u din l-eccezzjoni sollevata minnha fir-risposta taghha kienet biss skuza sabiex ma thallasx.

Illi tenut kont tal-fatt li l-konstatazzjoni dwar jekk l-opra gietx esegwita skond l-arti u s-sengha hi materja ta’ indole teknika, u mill-provi prodotti dawn ma gewx gravement imqieghda fid-dubju b’ragunijiet mhux privi mill-kunsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami, l-Qorti ghandha ghalhekk taccetta it-talbiet attrici **(“Anthony Pace Asciaq vs Joseph Camilleri”** – P.A. – 28 ta’ Jannar 2004) u dan qed jinghad fil-kuntest li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta ma ppruvatx l-eccezzjonijiet taghha fil-grad rikjest mill-ligi. Dan aktar u aktar jinghad meta l-konvenuta bhala parti interessata ma pprevalietx ruhha mill-fakolta` lilha moghtija mil-ligi li titlob in-nomina ta’ perit tekniku u jekk ikun il-kaz periti

addizzjonali (**"<u>Giswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et</u>"** – A.C. - 23 ta' Gunju 1967.

Illi dwar il-quantum ghalkemm il-konvenuta tghid li il-kont kien wiehed eccessiv bl-ebda mod ma ikkontestatu fis-sens li tindika x'inhu eccessiv. Ghalhekk in vista ta' nuqqas ta' prova kuntrarja, dan l-istess kont qed jigi accettat *in toto* kif del resto gie accettat minn John Mc Cusker ghan-nom ta' l-istess konvenuta.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.**

**Bl-ispejjez kif mitluba mis-socjeta' attrici fir-rikors promotur u l-imghax jibda jiddekorri minn notifika tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-istess konvenuta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------